**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 747/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Vella)**

**Vs**

**Russell Schembri**

**Illum 24 ta' Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Russell Schembri, ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Raymond Schembri u Sylvana neeè Pace, imwieled Pietà fit-18 ta' Settembru 1987, residenti ġewwa Regional Court, Flat 6, Triq il-Punent, Msida, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 437487(M), talli fit-28 ta' April 2021, għall-ħabta ta' bejn 17:15hrs u 18:20hrs, ġewwa Triq il-Blata l-Kaħla, Santa Venera u ġewwa dawn il-gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' handbag minn ġo vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DCJ-389, li fih kien hemm flus kontanti liema ammont ma jeċċedix elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Anthea Cremona jew persuni oħra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lil Russell Schembri għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

[1] Fol. 3 tal-proċess.

Rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u li wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu[2], liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu anke wara li l-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Rat li d-Difensur ta' Anthea Cremona ddikjara li qabel il-bidu ta' dawn il-proċeduri, l-imputat ħallas l-ammont kollu mertu tas-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri, inkluż ukoll l-ispejjeż legali;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena u ħadet konjizzjoni tas-sottomissjoni konġunta tagħhom li fil-każ in eżami l-piena idoneja tkun li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation;

Rat illi d-Difensur ta' Anthea Cremona qabel mas-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena idoneja fil-konfront ta' l-imputat f'dan il-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fit-28 ta' April 2021, għall-ħabta ta' bejn 17:15hrs u 18:20hrs, ġewwa Triq il-Blata l-Kaħla, Santa Venera u ġewwa dawn il-gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' handbag minn ġo vettura ta' l-għamla Toyota bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DCJ-389, li fih kien hemm flus kontanti Liema ammont ma jeċċedix elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu ta' Anthea Cremona jew persuni oħra, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u xorta tal-ħaġa misruqa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261, 267, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni, il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti, filwaqt li ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qed jiġi mixli l-imputat u li ġie minnu ammess, ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li qabel ma nbdew il-proċeduri fil-konfront ta' l-imputat huwa ħallas lil Anthea Cremona l-ammont kollu mertu tas-serqa mertu ta' dawn il-proċeduri, inkluż l-ispejjeż legali. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll l-ammissjoni bikrija da parte ta' l-imputat u s-sottomissjoni konġunta tal-Prosekuzzjoni, tad-Difiża u anke tad-Difensur ta' Anthea Cremona, li fil-każ in eżami l-piena idoneja tkun li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 31, 261(c)(e), 267, 271(g), 279(a), 280(1) u 337(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda peress illi

[2] Fol. 8 tal-proċess.

l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-karattur ta' l-imputat, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata l-kontinwata rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' sena (1) millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni bbażata fuq l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikoli 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digriet għall-Ħruġ ta' Ordni ta' Probation anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**